MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Diċembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 635/2015 LM

**Vincent Grima (ID numru 390864M)**

***vs.***

**Malta Freeport Terminals Ltd (C27581)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-30 ta' Ġunju, 2015, mill-attur **Vincent Grima** (ID 390864M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fl-1 ta' April, 2008, fl-1 ta' Awwissu 2012, fit-12 t'April, 2013 u fl-14 ta' Ottubru, 2014, ir-rikorrent Vincent Grima impjegat tas-soċjetà konvenuta, ġarrab korrimenti fuq il-post tax-xogħol tiegħu u dan waqt il-qadi ta' dmirijietu fil-preċinti tal-Malta Freeport Terminals Ltd.*

2. *Illi f'kull każ, ir-rikorrent informa lis-superjuri tiegħu u sar rapport dwar il-korrimenti rispettivi li ġarrab li lkoll ġraw b'riżultat dirett tal-impjieg tar-rikorrent mal-Malta Freeport Terminals Ltd, kif jista' jiġi aċċertat minn dokumentazzjoni medika u mill-injury reports tal-kumpannija;*

3. *Illi dawn l-inċidenti seħħew minħabba nuqqas serju ta' ħarsien ta' saħħa u sigurtà da parti tas-soċjetà konvenuta;*

4. *Illi b'konsegwenza ta' dawn l-inċidenti, ir-rikorrent sofra danni fuq il-persuna tiegħu, ġrieħi ta' natura serja li jwasslu għal debilità permanenti u li għalhekk ir-rikorrent sofra danni emerġenti kif ukoll danni futuri bħala lucrum cessans;*

5. *Illi l-istess soċjetà intimata ġiet interpellata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mir-rikorrent permezz ta' ittri uffiċjali tat-12 ta' Lulju, 2013 u l-21 ta' Mejju, 2015, u stante li Malta Freeport Terminals Ltd irrifjutat li tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni kif mitluba, kellha ssir din il-kawża;*

*Tgħid għalhekk is-soċjetà konvenuta għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà konvenuta kienet unikament responsabbli għal dawn l-inċidenti li seħħew fuq il-post tax-xogħol, liema inċidenti seħħew rispettivament fid-dati segwenti: i) fl-1 ta' April, 2008, ii) fl-1 ta' Awwissu, 2012; iii) fit-12 t'April, 2013; u iv) fl-4 ta' Ottubru, 2014, fil-preċinti tal-Malta Freeport Terminals Ltd u għad-danni konsegwenzjali li ġarrab ir-rikorrent bħala riżultat ta' dawn l-inċidenti;*

2. *Tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

3. *Tordna li s-soċjetà konvenuta tiġi kkundannata tħallas lir-rikorrent dawk id-danni li jiġu hekk likwidati kif fuq intqal flimkien mal-imgħaxijiet legali;*

4. *Bl-ispejjeż kollha, u imgħaxijiet, kompriżi dawk tal-ittri uffiċjali datati 12 ta' Lulju, 2013 u 21 ta' Mejju, 2015 kontra s-soċjetà konvenuta li hi nġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Malta Freeport Terminals Ltd.** (C27581) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fit-28 ta' Lulju, 2015, u maħlufa mill-avukat Duncan Borg Myatt, debitament awtorizzat, li biha eċċepixxa:

*1. Illi in linea preliminari d-danni allegatament inkorsi mill-attur fl-1 ta' April, 2008 huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà konvenuta tirrileva li huwa totalment inveritier li l-attur korra fuq ix-xogħol kif allegat minnu;*

*3. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tal-attur huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawża odjerna.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur, inkluż l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali responsiva 2297/2013 datata 1 ta' Awwissu, 2013, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta' Ġunju, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur kien ilu impjegat tal-Malta Freeport Terminals għal diversi snin li matulhom okkupa diversi rwoli fi gradi differenti fil-kumpannija, u dan kif

jirriżulta mill-provi. L-attur fetaħ il-proċeduri odjerni wara sensiela ta' inċidenti separati li allegatament seħħew fuq il-post tax-xogħol tiegħu fid-diversi karigi li kien jokkupa, u li konsegwenza tagħhom huwa jsostni li spiċċa jsofri minn debilità permanenti, tant li llum il-ġurnata ġie *boarded out.* L-inċidenti inkwistjoni seħħew fl-1 ta' April, 2008, fl-1 ta' Awwissu, 2012, fit-12 ta' April, 2013 u fl-14 ta' Ottubru, 2014, u minkejja li mhumiex konnessi ma' xulxin u seħħew b'mod distint minn xulxin, irriżulta li pereżempju l-uġigħ li beda jsofri minnu l-attur wara l-inċident tat-12 ta' April tal-2013 meta allegatament weġġa' waqt li kien qiegħed jiġbed ċima ta' vapur, reġa' tfaċċa wara l-inċident li kellu fl-14 ta' Ottubru tal-2014, li seħħ waqt li l-attur kien nieżel minn fuq wieħed mill-vannijiet tas-soċjetà konvenuta. L-attur jgħid li l-inċidenti kollha seħħew minħabba li s-soċjetà konvenuta kellha nuqqasijiet serji fejn jidħlu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tagħha, u d-danni sofferti minnu kienu kemm fil-forma ta' telf ta' qligħ attwali kif ukoll telf ta' qligħ futur. In vista ta' dan l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex fl-ewwel lok tiddetermina jekk is-soċjetà konvenuta hijiex responsabbli kemm għall-inċidenti li seħħew kif ukoll għad-danni kollha sofferti minnu, u konsegwentement qiegħed jitlob ukoll li l-Qorti tillikwida d-danni hekk sofferti minnu u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas tal-istess.

Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha wieġbet li d-danni li qegħdin jintalbu mill-attur fir-rigward tal-inċident li seħħ fl-1 ta' April, 2008 huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ċaħdet li hi b'xi mod għandha tinżamm responsabbli għall-korrimenti li sofra l-attur jew li dan weġġa' fuq il-post tax-xogħol, tant li eċċepiet li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tal-attur huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

## Provi u riżultanzi

L-attur fl-*affidavit* tiegħu[1] spjega li hu kien ilu impjegat tal-Freeport għal madwar sbatax-il sena.[2] L-attur qal li hu miżżewweġ u għandu żewġ ulied, waħda ta' tlieta u għoxrin sena li għadha tistudja, u tifel ta' tnejn u għoxrin sena, u qal li huwa l-*breadwinner* tal-familja. Qal ukoll li fil-preżent il-familja kollha tgħix bil-benefiċċji tal-korriment li jitħallsu lilu, u li l-familja kollha qiegħda tagħmel sagrifiċċji finanzjarji kbar minħabba fis-sitwazzjoni tiegħu. L-attur qal li l-ewwel xogħol li kellu fil-Freeport kien fuq trakkijiet u *lifters*, u li wara madwar sitt xhur hu ġie assenjat xogħol fuq *rubber-tyre gantry crane* li huma tip ta' krejnijiet li jintużaw biex jistakkjaw il-*containers.* Qal ukoll li għal xi żmien hu kien jgħallem lil ħaddieħor kif juża inġenji bħal RTGs, *lifters* u trakkijiet, u xogħlu dejjem għamlu bl-akbar serjetà u attenzjoni. Hu kompla jgħid li wara xi żmien hu ngħata promozzjoni sabiex jibda jsuq il-*quay cranes*, li huma l-krejnijiet kbar ta' mal-moll li jħottu x-xogħol mill-vapuri. Hu kompla jgħid li b'kollox qatta' madwar għaxar snin jagħmel dan ix-xogħol, li hu xogħol ripetittiv li xi drabi kien jirrikjedi xiftijiet twal ta' bejn tmienja u tnax-il siegħa xogħol bilqiegħda fl-istess pożizzjoni jimmanuvra l-krejn. Qal li x-xiftijiet kienu twal, u li kien hemm ġimgħat fejn ħadem aktar minn sittin (60) siegħa f'ġimgħa. Dan kollu qajla kien iħallilu ħin għall-familja, u ċertament li ma kienx possibbli għalih li jagħmel xogħol ieħor. Hu kompla jgħid li wara madwar għaxar snin, hu beda jħoss uġigħ f'dahru, minħabba r-repetizzjoni fix-xogħol, u beda jħossu li ma jistax jimxi sew, tant li talab lid-diriġenti tal-kumpannija biex ma jħalluhx jibqa' jagħmel xogħol ripetittiv li jinvolvi sigħat twal bilqiegħda. Konsegwenza ta' din it-talba il-*management* tal-kumpannija bagħat lill-attur

[1] *A fol.* 7 tal-proċess.
[2] L-attur ta d-depożizzjoni tiegħu fl-2015.

jaħdem bħala *assistant rigger,* li hu wkoll xogħol ta' strapazz, li jinvolvi irbit ta' ktajjen, ċineg u *shackles* li jintramaw biex jitniżżlu oġġetti goffi minn fuq il-vapuri. L-attur qal li hu aċċetta li jibda jagħmel dan ix-xogħol minħabba li ma kienx xogħol ta' bilqiegħda. B'kollox għamel madwar tliet snin jagħmel dan ix-xogħol, u dan minkejja li s-salarju tiegħu naqas b'madwar ħamest elef Euro (€5,000) fis-sena. L-attur qal li f'dan iż-żmien kien irriżenja l-*manager* tiegħu, ċertu Nicholas Turner, u hu tħalla jagħmel ix-xogħol waħdu mingħajr ebda superviżjoni jew assistenza. Qal ukoll li sikwit kien jiġbed l-attenzjoni tal-*management* li dan ix-xogħol ma setax jibqa' jagħmlu waħdu, u bħala eżempju iċċita sitwazzjonijiet fejn kien ikun irid jitla' fuq *container* b'sellum u kien ikollu bżonn lil xi ħadd iżommlu għal raġunijiet ta' sigurtà. Qal li tant ġibed l-attenzjoni dwar dan, li kollega tiegħu, ċertu Mario Demanule, kien sikwit jinqala' minn dak li jkun qiegħed jagħmel biex imur jassistih, u dan bl-awtorizzazzjoni tal-*manager* tiegħu, ċertu Mario Ellul.

L-attur kompla jgħid li wara ftit xhur hu reġa' ġie assenjat xogħol fuq l-RTG għal perijodu ta' ġimgħa, u li sadanittant fetħu l-applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *mooring man,* pożizzjoni li hu applika għaliha minħabba li ħass li ma setax jibqa' jagħmel xogħol fuq l-RTG minħabba fl-uġigħ li kien jesperjenza. Qal ukoll li meta ntgħażel biex jaħdem bħala *mooring man* hu tilef madwar ħamest elef Euro (€5,000) oħra mis-salarju tiegħu.

L-attur qal ukoll li hu kien weġġa' f'Awwissu tal-2012, filwaqt li fit-12 ta' April, 2013, waqt li kien għadu qiegħed jagħmel xogħol ta' *mooring man,* kien weġġa' għonqu meta ħa skoss waqt li kien qiegħed jiġbed ċima biex jorbot vapur. Qal ukoll li f'dan iż-żmien, il-kumpannija kienet naqqset in-numru ta' ħaddiema, bir-riżultat li kien hemm drabi fejn xogħol li suppost kien isir minn

tnejn min-nies, spiċċa jsir minn persuna waħda. Hu kompla jispjega li n-natura tax-xogħol titlob li meta jidħol vapur dan jinħadem mill-aktar fis sabiex jiġi evitat periklu kemm għal vapuri oħra, kif ukoll għall-ħaddiema li jkunu fuq il-moll. Hu kompla jgħid li wara dan l-inċident li fih weġġa' għonqu, kien għamel madwar seba' ġimgħat ma jmurx ix-xogħol, żmien li matulu hu baqa' muġugħ f'għonqu u f'idejh minħabba problemi li żviluppawlu fin-nervituri ta' għonqu. Hu qal li minkejja li wara dawn is-seba' ġimgħat hu daħal lura għax-xogħol, hu baqa' dejjem muġugħ, sakemm imbagħad daqs tmien xhur wara kien iddeċieda li jmur jagħmel MRI minn fejn irriżulta li kien ċaqlaq l-irkiekel ta' għonqu b'mod permanenti.

L-attur spjega kif fiż-żmien li hu kien jaħdem bħala *mooring man* kienu jibagħtulu l-għajnuna b'ħaddiema oħra, u f'dan iż-żmien kien għadu ma sarx *risk assessment* ta' dan il-post tax-xogħol partikolari. L-attur xehed li fil-fatt ir-*risk assessment* sar wara li hu tneħħa minn *mooring man.* Hu kompla jgħid kif wara li tneħħa minn *mooring man* hu ngħata xogħol fuq *lifter* ta' 2.5 tunnellati għal madwar tliet ġimgħat, fejn għal darb'oħra kellu jippreżenta ċertifikati mediċi mit-terapista Dr Edward Cassar Delia minħabba li ma setax jiġbed jew jerfa' apparat, u għalhekk ingħata xogħol ta' sewqan ta' vannijiet u *coaches* għal madwar tmien sigħat kuljum. L-attur qal li kien proprju waqt li kien qiegħed jagħmel xogħol fuq wieħed minn dawn il-vannijiet u *coaches* fl-14 ta' Ottubru, 2014, meta waqt li kien nieżel minn vettura minnhom ħass weġgħa, żamm mal-i*steering* tal-vann biex ma jaqax mill-kabina, u reġa' ħa skoss ieħor f'għonqu. L-attur qal li wara dan l-aħħar inċident hu ngħata parir mit-tobba sabiex ma jidħolx lura għax-xogħol. Qal ukoll li ġie eżaminat minn żewġ speċjalisti f'dan il-qasam, li rrakkomandawlu injezzjonijiet f'għonqu sabiex itaffi l-infjammazzjoni u l-uġigħ, u x'aktarx li fil-futur ser ikollu jagħmel

intervent, skont kif iċċertifikat l-ispeċjalista Dr Marilyn Casha mill-*Pain Management Clinic* tal-Isptar. Din it-tabiba kienet ukoll irrilaxxjat ċertifikat fejn stabbiliet li l-attur qiegħed isofri minn diżabilità permanenti ta' ħmistax fil-mija (15%). L-attur kompla jgħid li konsegwenza ta' dawn il-korrimenti fuq il-post tax-xogħol tiegħu, partikolarment in segwitu għall-inċidenti tat-12 t'April 2013 u tal-14 t'Ottubru 2014, hu sofra diżabilità permanenti li taffettwa l-ħajja tiegħu ta' kuljum, tant li tliet darbiet fil-ġimgħa hu jattendi għal sessjonijiet ta' terapija fil-pixxina tal-Inspire. Qal ukoll li hu qiegħed jitlef ħafna flus minħabba li ma jistax imur xogħol, tilef ħafna *overtime,* u li kull darba li avviċina lill-*management* tal-Freeport dwar dan, hu kien jiġi mgħarraf li ser tiġi avviċinata s-soċjetà assikuratriċi tal-Freeport sabiex hu jingħata xi forma ta' kumpens, għalkemm dan qatt ma mmaterjalizza. L-attur ikkonkluda l-*affidavit* tiegħu billi qal li hu talab lil Malta Freeport sabiex jiġi assenjat xogħol b'*light duties,* bħalma jkun ix-xogħol ta' uffiċjal tas-sigurtà jew *inventory clerk,* iżda t-tweġiba li ngħata kienet li fil-Freeport ma jeżistix xogħol b'*light duties.* Qal ukoll li minkejja li interpella lis-soċjetà konvenuta darbtejn sabiex tersaq għal-likwidazzjoni ta' kumpens, hu baqa' mingħajr tweġiba, u kien għalhekk li huwa kellu jiftaħ il-proċeduri odjerni.

L-attur esebixxa kopja ta' ċertifikat irrilaxxat mill-konsulent fl-*Orthopaedic Traumatology and Physical Medicine Rehabilitation,* **Dr Edward Cassar Delia**[3], li kkonkluda li l-attur sofra debilitajiet wara żewġ inċidenti separati li kellu fuq il-post tax-xogħol. F'dan iċ-ċertifikat ġie rakkomandat li l-attur ma jingħatax xogħol li jinvolvi tqandil jew ġbid ta' oġġetti minħabba li dawn l-attivitajiet jistgħu jżidu r-riskju li l-attur jerġa' jweġġa'. Kopji prattikament identiċi ta' dan

[3] *A fol.* 11 tal-proċess.

iċ-ċertifikat ġew rilaxxjati f'dati differenti.[4] Ġiet esebita wkoll kopja ta' ittra li Dr Edward Cassar Delia bagħat lil Dr Philip Chircop fid-9 ta' Mejju, 2013[5], fejn dan infurmah bil-korriment tal-attur u qallu wkoll li dan ma setax jirritorna lura għall-istess xogħol li kien jagħmel qabel. Ġiet esebita wkoll kopja ta' *Request for Consultation* iffirmata mill-kirurgu Mr Massimo Abela li talab li l-attur jiġi invistat mill-konsulent Mr Joe Borg[6], kif ukoll kopji ta' rapporti mediċi rilaxxjati mill-konsulent Dr Josanne Aquilina u Dr Marilyn Casha b'rakkomandazzjonijiet dwar il-kura li kien jeħtieġ l-attur.[7] Fiċ-ċertifikat irrilaxxjat minn Dr Marilyn Casha fil-15 ta' Ottubru, 2014, indirizzat lil Dr Philip Chircop[8], hija kkonstatat illi,

> *"Mr. Grima is a good candidate for C4/5/6 facet joint infiltration and he is awaiting this procedure. It is imperative that this gentleman does not engage in heavy activity pending this intervention."*

F'ċertifikat ieħor irrilaxxjat fis-6 ta' Mejju, 2015[9], Dr Marilyn Casha kkonstatat illi,

> *"[t]herefore I feel that at this point Mr. Grima will suffer from a permanent disability of 15%. ... From experience I feel that this gentleman will require long term, repeated interventions to alleviate his symptoms."*

Mart l-attur, **Mary Anne Grima**, fl-*affidavit* tagħha[10] iddeskriviet kif żewġha kien ilu jaħdem fil-Freeport għal madwar sbatax-il sena, fejn avvanza minn *crane operator* għal xogħol ieħor fuq krejnijiet akbar. Id-dħul kien tajjeb tant li

[4] *A fol.* 14 tal-proċess.
[5] *A fol.* 13 tal-proċess. Dr Chircop jidher li kien it-tabib li jieħu ħsieb l-impjegati tal-Freeport.
[6] *A fol.* 15 u 16 tal-proċess.
[7] Minn *fol.* 17 sa 25 tal-proċess.
[8] *A fol.* 24 tal-proċess.
[9] *A fol.* 25 tal-proċess.
[10] *A fol.* 35 tal-proċess.

l-attur seta' jżomm il-familja komda u jagħti edukazzjoni tajba lil uliedu, mingħajr ma kien hemm il-ħtieġa li l-omm tmur taħdem hi wkoll. Hija qalet li għal żmien twil żewġha kien kuntent fil-post tax-xogħol tiegħu, qatt ma semgħetu jilmenta minn xi wġigħ jew problema oħra, u hi kienet taf li kien imur tajjeb anki ma' sħabu li kienu jirrispettawh ħafna. Ix-xhud iddeskriviet kif jum fost l-oħrajn, żewġha qam filgħodu jilmenta minn uġigħ fiċ-ċintorin ta' dahru, tant li ma felaħx imur xogħol u t-tabib li rah irrakkomandalu kors ta' injezzjonijiet bħala kura. Ix-xhud qalet li meta marret tixtri dawn l-injezzjonijiet, l-ispiżjara kienet qaltilha li dak it-trattament irid jiġi ordnat minħabba li rari jingħata, kif ukoll li d-doża preskritta kienet waħda qawwija. Mart l-attur xehdet li żewġha tant kien muġugħ li għamel seba' ġimgħat ma jmurx ix-xogħol wara dan l-episodju. Hi kompliet tgħid kif wara dan l-episodju r-raġel tagħha kien daħal lura għax-xogħol, fejn wara ġimgħa kienu nbidlulu r-responsabbilitajiet minħabba li ma setax joqgħod bilqiegħda għal ħin twil, u meta beda jaħdem bħala *rigger* is-salarju tiegħu niżel xi ftit. Ix-xhud kompliet tgħid li wara xi żmien, l-attur tneħħa mix-xogħol ta' *rigger* u ntalab jaħdem fuq *crane* kbir, u dan minkejja li l-*management* kien jaf li l-attur ma setax jaħdem fuq dawk it-tip ta' inġenji. Qalet ukoll li d-diffikultajiet li żewġha beda jiffaċċja biex jagħmel dan ix-xogħol wasslu biex japplika sabiex jagħmel xogħol ta' *mooring man*, ċaqliqa li wasslet biex l-attur reġa' naqas mill-paga u niżel fil-grad.

Ix-xhud kompliet tispjega kif darba fost l-oħrajn, żewġha ċemplilha mix-xogħol f'nofs ta' lejl u talabha tmur il-poliklinika ta' Raħal Ġdid minħabba li kien ħa skoss f'għonqu fuq ix-xogħol. Ix-xhud qalet li l-uġigħ kien intensiv tant li l-attur ingħata doża ta' morfina u wara ntbagħat l-Isptar, fejn idu tpoġġiet fi *sling* u ntbagħat id-dar, għalkemm l-għada reġgħu bagħtu għalih minħabba li kienu

ħarġu xi riżultati b'rabta mas-sintomi li kellu. Ix-xhud qalet li wara dan l-episodju żewġha dam madwar tmien ġimgħat ma jmurx xogħol, u li kien jattendi sessjonijiet ta' terapija li kienet twasslu għalihom hi. Mart l-attur kompliet tgħid li b'kollox żewġha għamel madwar sena dieħel u ħiereġ l-Isptar għal xi trattament jew ieħor, u li meta reġa' daħal xogħol dan tqabbad jagħmel xogħol fuq *lifter* u eventwalment intalab isuq vann. Hi kompliet tgħid li madwar sena qabel, ir-raġel tagħha kien qalilha li ħa skoss f'għonqu waqt li kien għax-xogħol, u li meta marru l-poliklinika dan ingħata injezzjonijiet u xi kalmanti. Qalet li minn dakinhar beda jiġi segwit mill-ispeċjalista Marilyn Casha, u meta din rat lill-attur għall-ewwel darba hija amministratlu injezzjonijiet minn għonqu sa dahru. Ix-xhud qalet li din l-ispeċjalista kienet infurmathom li l-attur qatt ma seta' jerġa' jiġi kif kien qabel, u li b'kollox kien sofra debilità permanenti ta' madwar ħmistax fil-mija (15%). Mart l-attur ikkonkludiet ix-xhieda tagħha billi qalet li minn meta weġġa' żewġha, huma qegħdin ikollhom iqabbdu persuna sabiex tassistihom fil-manutenzjoni tad-dar, filwaqt li tibża' li fil-futur żewġha jkun jeħtieġ aktar għajnuna jekk saħħtu tibqa' sejra lura u l-grad ta' dipendenza tiegħu jiżdied. Hi kkonkludiet billi qalet li s-sitwazzjoni minn wara l-korriment ta' żewġha wasslet għal ħafna tbatija finanzjarja għall-familja kollha, kif ukoll għal tbatija minħabba li żewġha ma jistax jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iħobb u li kien imdorri jagħmel qabel.

Fl-udjenza tad-9 ta' Marzu, 2016 xehdet **Dr Marilyn Casha**[11], li qalet li hi *consultant anaesthetist,* fil-qasam tal-interventi għal uġigħ kroniku. Ix-xhud ikkonfermat li l-attur kien żar il-klinika tagħha meta weġġa' fuq il-post tax-

[11] *A fol.* 46 tal-proċess.

xogħol wara li ntlaqat minn ċima ta' vapur, li kkawżatlu uġigħ kroniku sever fl-għonq. Qalet li l-ewwel darba li rat lill-attur wara dan l-inċident, dan kien muġugħ li bilkemm seta' jċaqlaq idu, u l-interventi li kienu meħtieġa kellhom isiru fuq l-aktar partijiet delikati tal-ġisem, bħalma hu l-għonq. Ix-xhud qalet li l-ewwel ma ġew ittrattati kienu l-muskoli tal-għonq, għalkemm dan it-trattament ftit kellu effett minħabba li l-attur kellu infjammazzjoni fil-ġogi, li kienet teħtieġ aktar interventi. Ix-xhud spjegat fiex jikkonsistu dawn it-trattamenti:

> "Dan regolarment għax inti fl-intervent titfa' *a steroid shot plus local anaesthetic* li kif nafu kwalunkwe mediċina għandha *duration of action* tagħha. Mela jekk jiena tfajt *local anaesthetic and a steroid* fl-għonq, terġa' tiġi aktar diffiċli milli kienet fl-isfel tad-dahar għax minħabba li l-għonq huwa l-*conduit* tal-vini u l-arterji li telgħin lejn il-moħħ, ċertu mediċini ma nistax nużahom minħabba l-periklu. Allura l-mediċina li rrid nuża at that point hija mediċina li ma ddumx taħdem, ħa nispjegahielek hekk. Allura dan il-povru pazjent ikollu jiġi għal interventi ripetuti bit-tama li meta nagħtuh dik it-tieqa żgħira ta' relief lill-pazjent, ikun jista' jgħin ruħu bit-terapija li hija importantissima."

Ix-xhud ikkonfermat li l-attur kien ilu jmur għal dawn it-trattamenti għal aktar minn sena, u spjegat li meta persuna tiġi riferuta għall-*chronic pain management,* is-sitwazzjoni tagħha tkun serja ħafna u l-uġigħ ikun ilu jippersisti. Hi qalet li fil-każ in eżami, l-attur ngħata parir li jibqa' għaddej bis-sessjonijiet ta' terapija, u biex jevita tqandil, xogħol ripetut, u xogħol manwali ta' ċerta diffikultà. Hija spjegat ukoll li minbarra l-problemi fl-għonq, hemm ukoll problemi fil-parti t'isfel tad-dahar tal-pazjent, li għalihom kien hemm il-ħtieġa ta' intervent bl-applikazzjoni ta' tip ta' elettriku. Hi qalet li l-istat li qiegħed fih l-attur hu kompatibbli ma' korrimenti relatati mat-tip ta' xogħol li kien jagħmel. Hija spjegat ukoll x'tip ta' terapija għad għandu bżonn l-attur u

x'riskji fiha din it-terapija.[12] Ix-xhud qalet ukoll li meta pazjent jiġi riferut għandha, ikun diffiċli għaliha tistabbilixxi jekk l-uġigħ ikunx ikkawżat minn trawma riċenti jew le. Ix-xhud spjegat li meta eżaminat lill-attur bl-*X-ray,* irriżulta li dan kellu artrite, għalkemm hi ma kinitx f'pożizzjoni li tiddetermina jekk din kinitx hemm qabel l-inċident li fih l-attur intlaqat minn ċima ta' vapur jew le. Qalet iżda li jista' jagħti l-każ li l-artrite tiġi kkawżata mit-trawma nnifisha. Ix-xhud qalet ukoll li minkejja li hi kkonstatat li l-attur għandu diżabilità permanenti ta' ħmistax fil-mija (15%), jista' jagħti l-każ li l-kundizzjoni tiegħu titjieb biż-żmien, u li dan il-grad ta' debilità jonqos.

**Dr Marilyn Casha** kompliet tixhed fl-udjenza tal-20 ta' April, 2016[13], fejn qalet li l-attur ġie riferut għandha mill-i*spinal surgeon* Mr Joe Borg li ħass li m'għandux jagħmel intervent kirurġiku fuq l-attur. Ix-xhud iddeskriviet kif l-attur kellu telf ta' sensazzjoni fil-wiċċ tal-id, li ġie stabbilit li ma kienx *deficit* nevroloġiku u li dan ġara wara inċident partikolari fejn ġie mwaddab ħabel imxarrab lill-attur, li għalhekk kien itqal u eħxen milli suppost. Ix-xhud ikkonfermat li mid-dokumenti tal-Isptar li hi kkonsultat, jidher li qabel l-attur qatt ma lmenta minn uġigħ ta' dak it-tip, u li għalhekk l-uġigħ li beda jħoss wara dan l-inċident ġie attribwit għal dan l-episodju partikolari. Hi kkonfermat li aktar ma jkun tqil l-oġġett li jkun qiegħed jinġibed, aktar ikun tqil l-iskoss, u li l-uġigħ li l-attur beda jilmenta minnu f'għonqu huwa konsegwenza diretta tal-inċident, għalkemm l-uġigħ l-ieħor fid-dahar ukoll jista' jitqies li hu aspett

[12] "Jekk dan il-bniedem *with repeated injection* bil-mod il-mod, l-*inflammation* toqgħod ... *the steroid infiltration* innaqsuhom għar-raġuni wkoll li nafu li hemm *side effect* importanti ħafna assoċjat ma' dan it-trattament. Li jekk inti tieħu *steroid* darba, darbtejn, ma ġara xejn, però jekk ikollok bżonnu ripetutament hemm min iqislek *up to 21 percent risk of spinal damage, the bone* mhux il-*chord*, issir irqiqa l-għadma. ... Biex neliminaw dawk is-*side effects*, nieħdu *deviation*. Flok nużaw *steroid* biex nevitaw *side effect*, ikun hemm intervent ieħor ... aħna hawnhekk għandna l-ġog biex inkunu nistgħu niċċaqalqu. Issa kull wieħed minn dak għandu nerf irqiq, jiġi ttrattat dak in-nerf irqiq. Jew nippruvaw nirrisettjawh *at a first instance*, jew inkella jekk vera niġu daharna mal-ħajt, naħarquh."

[13] *A fol.* 60 tal-proċess.

indirett tal-inċident. Mistoqsija dwar il-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur, ix-xhud ikkonfermat li din għandha tibqa' fil-grad ta' ħmistax fil-mija (15%) u dan għaliex minkejja li hu jkollu ġranet li fihom ma jħossx l-uġigħ, b'danakollu ma jfissirx li jista' jagħmel li jrid jew jitħabat, għaliex l-uġigħ mill-ewwel jirritorna. Dr Casha kkonfermat li l-aħħar intervent li kien sar fuq għonq l-attur kien fis-27 ta' Novembru, 2015, u li dan it-tip ta' intervent ma jistax isir spiss aktar minn kull sitt xhur minħabba l-ħtieġa li jintefgħu *steroids* fl-għonq. Qalet ukoll li l-attur kellu bżonn ta' trattament ieħor f'dahru, u li dawn it-trattamenti jridu jsiru kultant żmien biex l-attur ikun jista' jkompli jgħix ħajtu.

Fl-istess udjenza xehed il-**kaptan Jesmond Mifsud**[14] li qal li hu jaħdem bħala *chief pilot* fil-port, u spjega kif kull vapur skont il-qies li jkun, ikollu bżonn *tugboat,* u *mooring men.* Ix-xogħol tal-*mooring man* hu li jibqa' fuq il-moll sabiex jorbot il-vapur, u l-istruzzjonijiet jeħodhom mingħand il-pilota li jgħaddilu ċ-ċimi biex jorbot il-vapur. Ix-xhud qal li n-numru ta' *mooring men* meħtieġa biex jaħdmu fuq vapur jiddependi mid-daqs tal-vapur, u li r-realtà tax-xogħol hija li l-vapuri qegħdin dejjem jikbru, filwaqt li l-mollijiet jibqgħu l-istess, u għalhekk hemm il-ħtieġa ta' aktar *mooring men* ta' saħħa u kapaċità biex jagħmlu x-xogħol. Hu spjega l-perikli li fih dan ix-xogħol:

> "... skont il-prattika vapur ta' ħames mitt pied dejjem jirrikjedu erbgħa, dak huwa l-minimu. Ir-raġuni hija sempliċi għax ħa jkollok tnejn quddiem jorbtu u tnejn wara. Jekk allaħares qatt ta' quddiem jiżloq, ma nistgħux ma norbtux il-vapur, irid ikun hemm xi ħadd, għallinqas ikunu tnejn. Anke jekk ngħajjat għall-għajnuna aħna minn fuq il-vapur ma tantx nistgħu ninżlu ngħinuh, allura r-raġuni anke minħabba safety, minimum ta' two. Jekk jikber il-vapur ikunu tlieta. Jien nista' ngħidlek biss li llum per eżempju l-Freeport saru kull vapur tlieta quddiem u tlieta wara. Wieħed irid jiftakar li fuq il-moll fejn hemm il-

---

[14] *A fol.* 65 tal-proċess.

> bollards jgħaddu l-krejnijiet. Il-krejnijiet iwaqqgħu l-*grease* fuq il-moll. Meta *mooring man* jiġbed, tinsiex li għandu dahru lejn il-crane. Jekk ikun hemm iż-żejt ma jarahx u jaqa'. Li jiġri l-crane hu u għaddej iwaqqa' l-*grease*, li jkun għaddej il-wire u jista' jkun naqra perikoluż, jiġifieri tajjeb li jkun hemm aktar minn wieħed għax jekk jaqa' min ħa jgħinu lil dak ir-raġel dak il-ħin? Jista' jkun anke jaqa' l-baħar. Ġieli kellna każijiet li ħabel jibqa' ma' idu u jaqa' l-baħar jiġifieri mhux xi ħaġa sabiħa li waqt li qed jitrakka l-vapur mal-moll u jrid ikun hemm xi ħadd min jgħinu li għandu bżonn jitfalu life ring, irid ikun hemm xi ħadd."

Lix-xhud sarlu riferiment għall-*guidelines for a safe and efficient mauling operation*[15], li qal li hu familjari ħafna magħhom, u qal li bħala kaptani, huma jagħtu taħriġ dwar is-sigurtà fuq il-moll partikolarment lill-*mooring men,* u l-*mooring men* kollha ġew mgħallma fuq dan id-dokument. Ix-xhud irrimarka li dawn il-linji gwida mhux dejjem jiġu strettament osservati, u jkun hemm drabi meta hu ma jaċċettax li fuq vapur ikun hemm biss żewġ *mooring men* jaħdmu. Ix-xhud qal ukoll li ċ-ċimi li jintefgħu huma ta' toqol konsiderevoli, tant li anki żewġ persuni jbatu biex jiġbduhom.

Fl-udjenza tas-26 ta' Mejju, 2016 xehed **Pierre Tonna**[16], impjegat fil-Freeport bħala *mooring man* li spjega li hu u l-attur kienu jaħdmu flimkien u li kien hemm ċirkostanzi fejn vapur li suppost jintrabat minn erbgħa min-nies kienu jorbtuh tnejn. Qal li proprju dakinhar li fih seħħ l-inċident, hu u l-attur kienu qegħdin jorbtu vapur li suppost jintrabat minn erbgħa min-nies, u kienu wieħed quddiem u wieħed wara, u li hekk kif rabtuh u telgħu fuq it-trakk, l-attur beda jħoss l-uġigħ minnufih, mar il-poliklinika u minn hemm ma reġgħax irritorna x-xogħol. Ix-xhud qal li l-attur kien qallu li kien ħa skoss f'għonqu waqt ix-xogħol. Qal ukoll li minkejja diversi ilmenti mal-*management* dwar il-fatt li fuq ċertu vapuri suppost ikun hemm aktar persuni jaħdmu, dawn qatt

[15] Dokument esebit *a fol.* 72 tal-proċess.
[16] *A fol.* 112 tal-proċess.

ma kienu jagħmlu xejn, u t-tweġiba dejjem kienet tkun li m'hemmx biżżejjed ħaddiema. Ix-xhud qal li minkejja li l-*mooring men* kienu jingħataw ċertu taħriġ qabel jibdew ix-xogħol, kien hemm istanzi fejn ħaddiema tat-trakkijiet tqabbdu jmorru jgħinu lill-*mooring men* fix-xogħol tagħhom. Qal ukoll li dakinhar li weġġa' l-attur, huma lanqas din l-għajnuna ma kellhom u l-vapur kienu ħadmu fuqu tnejn min-nies biss meta suppost kellhom ikunu  erbgħa. Ix-xhud qal l-attur qatt ma qallu li kien hemm drabi oħra meta weġġa', u li hu sar jaf li l-attur weġġa' mhux għax ra l-inċident iseħħ, iżda għax wara qallu l-attur x'kien ġara, minħabba li dak il-ħin hu kien qiegħed jaħdem fuq il-parti ta' wara tal-vapur filwaqt li l-attur kien fil-pruwa.

Fl-udjenza tas-26 ta' Mejju, 2016 xehed **Stephen Calleja**[17], *Operations Manager* fil-Freeport, li ntalab jispjega dwar il-proċeduri tal-*mooring* fil-port. Hu qal li l-proċedura tal-*mooring* tiġi stabbilita skont id-daqs tal-vapur, u fil-passat vapur ta' anqas minn mija u għoxrin metru kien ikollu żewġ *mooring men,* vapur ta' bejn mija u għoxrin u tliet mitt metru kien ikollu erbgħa, filwaqt li vapur ta' aktar minn tliet mitt metru kien ikollu sitt *mooring men.* Qal ukoll li mill-2013 din il-proċedura nbidlet, sabiex kull vapur qiegħed ikollu tal-anqas erba' *mooring men.* Hu kompla jgħid li hu sar responsabbli mit-taqsima tal-*mooring* wara li l-ħaddiema kienu ngħataw it-taħriġ mill-*port pilots* li kienu jagħtu s-servizz qabel. Qal ukoll li hu kien bagħat *email*[18] lid-*duty managers* lura fl-2011 fejn kien stabbilixxa kemm għandu jkun hemm *mooring men* mal-vapuri skont id-daqs tal-vapur. Huwa kien ta ordni li f'ċerti ċirkostanzi jkun hemm żewġ *mooring men* ma' vapur, wieħed quddiem u wieħed wara. Sussegwentement kien ġie a konjizzjoni tal-fatt li kien hemm linji gwida li

[17] *A fol.*120 tal-proċess.
[18] Kopja esebita *a fol.* 127 tal-proċess.

kienu jistabbilixxu li tal-inqas irid ikun hemm erba' *mooring men* f'kull każ, għar-raġunijiet spjegati tajjeb mill-kaptan Jesmond Mifsud. Ix-xhud qal li kien hemmhekk li saru r-*risk assessments* min-naħa tas-soċjetà konvenuta, u wara li saru verifiki anki ma' portijiet oħrajn, ġie stabbilit li kellu jiżdied l-ammont ta' nies li jaħdmu fuq kull vapur. Dwar l-inċident speċifiku li kellu l-attur, ix-xhud qal li f'kull *shift* ikun hemm *duty manager* li jirrapporta lill-uffiċjali tas-sigurtà kull darba li jkun hemm inċident, u meta jiġi stabbilit li jkun hemm persuna li tkun weġġgħet, tiġi infurmata wkoll il-klinika tal-Freeport.

Fl-udjenza tat-18 ta' Novembru, 2016 xehdet **Claire Duca**[19], *Insurance Coordinator* fil-Malta Freeport, li qalet li hi tittratta kull tip ta' *claim* li tidħol fil-Freeport, inkluż każijiet ta' korrimenti. Ix-xhud qalet li skont il-proċedura segwita f'każijiet ta' korrimenti, meta persuna tweġġa', jiġu mgħajjta l-uffiċjali tas-sigurtà, imorru fuq il-post u jsir rapport. Hi qalet li hi tieħu ħsieb tinforma lill-*insurer* b'kull korriment li jkun hemm fit-*terminal*, anke dawk żgħar fejn persuna tidħol lura x-xogħol l-għada. Ix-xhud qalet li ma tkunx hi li tiddeċiedi dwar il-ħlasijiet li għandhom isiru mis-soċjetà tal-assigurazzjoni, u li l-koordinazzjoni mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ssir min-naħa tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani tal-Freeport.

Fl-udjenza tat-18 ta' Novembru, 2016 kompla jixhed **Stephen Calleja**[20], li ntalab jippreżenta informazzjoni dwar ir-*risk assessments* li saru wara l-inċident li kellu l-attur. Ix-xhud qal li kien sar *risk assessment* dwar il-*mooring* fl-4 ta' Lulju tal-2013[21], li ġie rivedut fil-11 ta' Lulju u fis-7 t'Awwissu tal-istess

19 *A fol.* 138 tal-proċess.
20 *A fol.* 143 tal-proċess.
21 *A fol.* 150 tal-proċess.

sena. *Risk assessment* ieħor sar fid-19 ta' Jannar, 2015.[22] Ix-xhud ma kienx jaf jekk kinux saru xi *risk assessments* oħra qabel dawn id-dati. Qal li l-eżitu ta' dawn ir-*risk assessments* kien li f'Ottubru tal-2013 ġie deċiż li għandhom jiżdiedu l-*mooring men* ma' kull vapur. Qal illi l-konklużjoni kienet li fis-sezzjoni tal-*mooring* ir-riskju huwa wieħed medju. Qal ukoll li wara r-*risk assessment* tal-2015, kien hemm rakkomandazzjoni oħra li jerġgħu jiżdiedu l-għadd ta' *mooring men.* Ix-xhud ikkonferma li fl-2011 kienet ittieħdet deċiżjoni li l-għadd ta' *mooring men* jonqos għal raġunijiet ta' *cost cutting.*

Fl-udjenza tat-18 ta' Novembru, 2016 xehed **Jean Pierre Mifsud**[23]*,* li kkonferma li hu impjegat tal-Malta Freeport u hu inkarigat mis-salarji tal-impjegati. Ix-xhud esebixxa kopji tal-FS3s tal-attur għall-aħħar seba' snin[24], u kkonferma li tal-anqas fis-sena 2015, id-dħul tal-attur naqas bin-nofs. Ix-xhud ikkonferma li ħafna mill-ħaddiema jaħdmu wkoll ammont ta' *overtime* u li dan ivarja ħafna minn sena għal oħra, għalkemm l-*overtime* huwa wkoll strutturat.

Fit-18 ta' Jannar, 2017 reġgħet xehdet **Claire Duca**[25] li kkonfermat li meta persuna tweġġa' fil-Freeport, irid isir rapport lix-*shift leader* jew lill-*yard supervisor* tiegħu, u min iweġġa' jrid jibqa' fuq il-post fejn ikun seħħ l-inċident.[26] Fuq il-post imur ix-*shift leader,* u minn hemmhekk tibda l-proċedura fejn jiġi avżat il-*manager* u d-*duty manager* ta' dak il-ħin. Id-*duty manager* min-naħa tiegħu jieħu ħsieb javża lin-*nurse,* lis-*security* sabiex jagħmel rapport, lix-*shift leaders* għal rapport intern, u jekk persuna tkun tiflaħ tmur il-*clinic,* iħalluha tmur, u jekk le tassistih in-*nurse.* Ix-xhud

[22] *A fol.* 151 tal-proċess.
[23] *A fol.* 155 tal-proċess.
[24] *A fol.* 167 sa 190 tal-proċess.
[25] *A fol.* 196 tal-proċess.
[26] Ix-xhud esebiet kopja tal-*Incident Reporting Procedure* li tinsab *a fol.* 201 tal-proċess.

ikkonfermat li din il-proċedura bdiet tiġi implimentata fl-2016, u li qabel ma kienx jiġi involut ix-*shift leader* fil-proċedura. Ix-xhud kompliet tgħid li fis-sena 2014, meta seħħ l-akbar inċident li kellu l-attur, il-proċedura kienet li jmur is-*security* tal-Freeport, għalkemm fil-każ tal-attur kien hu li mar għand in-*nurse* dirett, u kienet għadha ma daħlitx fis-seħħ is-sistema fejn persuna trid tibqa' bilfors fil-post fejn tkun weġġgħet. In-*nurse* kienet irrappurtat li l-attur kien weġġa' għonqu waqt li kien nieżel mill-vann, u li dan kien żamm mar-rota tal-i*steering* tal-istess vann. Ix-xhud qalet li hi fittxet ir-*records* kollha rilevanti tal-attur, u kienet sabet li fl-2008 dan kellu inċident meta żelaq minn fuq *fork lifter* u waqa' mal-art.[27] Ix-xhud sabet *record* li fl-2012 l-attur kien ħareġ bis-*sick leave* għal xi perjodu, fl-2013 kellu l-inċident tal-*mooring*[28], u fl-2014 kellu l-inċident bil-vann.[29] Qalet ukoll li sabet *record* ieħor li jmur lura għall-2002, fejn l-attur kellu inċident li bih beda jsofri minn uġigħ fuq in-naħa ta' wara ta' dahru. Ix-xhud esebiet ukoll kopji ta' dokumenti rilaxxjati mill-*Industrial Injuries Board* għal dawn id-diversi perijodi li kienu jistabbilixxu kemm kien baqagħlu żmien l-attur sabiex jirkupra qabel ma jkun jista' jmur lura x-xogħol.

Fl-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2017 xehed **John Visanich**[30] li qal li kien ilu wieħed u għoxrin sena fil-kariga ta' *personnel officer* fid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani tal-Freeport. Dan ix-xhud spjega li meta jkun hemm korriment fuq il-post tax-xogħol, isir rapport mis-*security officer,* timtela formola tal-

[27] Kopja tal-*Accident Report a fol.* 206 tal-proċess.
[28] Kopja tal-*Accident Report a fol.* 219 tal-proċess, fejn dan l-inċident ġie deskritt b'dan il-mod, "*Today at 2200 hrs, FTM nurse Paul Vassallo asked me to file an injury report regarding MFT mooring man Vince Grima P.C. 336. Grima stated that at around 19.00 hrs while he was pulling a rope from M.V. Uranus, which was berthing at terminal 1, he strained his upper back and shoulder. Later on, the pain increased and he went to FTM clinic.*"
[29] Kopja tal-*Accident Report a fol.* 227 tal-proċess, fejn dan l-inċident ġie deskritt b'dan il-mod, "*Today about 05.45 hrs nurse on duty Charles Grixti informed this end to call at the Admin clinic to file a report. On calling Ops Vince Grima pc no 336 deployed with Ftm van 70 stated that at 04.00 hrs when he called at Term and was climbing down some van to call the Pws employees, strained his neck when he hold with the steering wheel to avoid from falling on the ground. Further stated that he continued on his duty but now decided to call at the clinic as the pain was increasing, making it more difficult to drive.*"
[30] *A fol.* 236 tal-proċess.

NI30, li tiġi ffirmata mill-persuna li tkun weġġgħet sabiex tintbagħat lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Qal ukoll li min-naħa tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani jieħdu ħsieb li jirreġistraw il-persuna bħala *injured.* Ix-xhud qal li l-attur beda jaħdem mas-soċjetà konvenuta fl-4 ta' Ġunju, 1989 bħala *equipment operator* D, l-ewwel grad li fih jidħlu l-*operators,* u fl-24 ta' Marzu, 1999 kien ġie promoss għal *equipment operator.* Fil-21 ta' Frar, 2001, l-attur kien ġie promoss għal *operator* F1, filwaqt li f'April 2008 l-attur kien tpoġġa fuq xogħol ieħor għal raġunijiet mediċi. Qal illi dan l-ispostament tal-attur minn xogħol għal ieħor ma kienx marbut ma' xi inċident speċifiku li hu kellu, iżda minħabba ċertifikat ta' speċjalista bid-data tat-23 ta' April, 2008, li kien jgħid li '*he is not fit to work as a crane operator.*'[31] Ix-xhud kompla jgħid li dak iż-żmien l-attur diġà kellu problema medika konnessa ma' dahru, u għalhekk kien ġie trasferit għal xogħol ieħor li ma kienx jinvolvi t-tħaddim ta' dawn il-*cranes.* Ix-xhud qal ukoll li fil-bidu s-salarju tal-attur ma nbidilx, iżda fl-1 ta' Ġunju, 2009 hu ġie *re-graded* bħala *equipment operator* F, il-grad li jkun fih kull min jaħdem fit-*terminal*. Ix-xhud ikkonferma li minħabba f'hekk l-attur naqas b'"diversi mijiet fis-sena", għalkemm ma kkwantifikax kemm kien dan it-telf. Ix-xhud kompla jgħid li fit-28 ta' Marzu, 2011 l-attur ġie *re-graded* bħala *mooring man,* pożizzjoni li tpoġġa fiha wara li rrisponda għal sejħa interna li saret fil-kumpannija[32], u fl-10 ta' Ġunju, 2013 l-attur ġie *re-graded* bħala *equipment operator* D minħabba r-riorganizzazzjoni tal-kumpannija li wasslet biex l-għadd ta' *mooring men* jonqos ħafna. Meta ġara dan l-attur ma marx lura jaħdem bħala *equipment operator* F*,* li hu l-grad li kien fih qabel, iżda pprefera li jmur *operator* D, li hu grad inferjuri għal dak ta' *mooring man.*[33] Ix-

[31] Kopja *a fol.* 265 tal-proċess.
[32] Kopja tal-ittra *a fol.* 266 tal-proċess.
[33] L-attur ġie mgħarraf b'dan permezz ta' ittra, kopja ta' liema hija esebita *a fol.* 267 tal-proċess.

xhud qal ukoll li fit-8 ta' Lulju, 2013, l-attur ġie *re-graded* bħala xufier, li hu grad anqas minn dak ta' *operator* D*,* u dan ukoll għal raġunijiet mediċi. Ix-xhud ikkonferma li r-raġunijiet għalfejn l-attur filli kien jiġi promoss, filli beda jiġi *down-graded,* huma in parti attribwibbli għal raġunijiet mediċi, u in parti għal riorganizzazzjoni tal-kumpannija. Huwa kompla jgħid li f'dak iż-żmien, l-attur kien jaħdem bħala *Driver* C, iġifieri jsuq it-trasport intern tal-kumpannija, bħal vannijiet u *coaches,* u *minibuses* li jwasslu n-nies mill-*main gate* għall-post tax-xogħol tagħhom u lura.[34] Ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta għandha *policy* li ħaddiem li jkun weġġa' fuq il-post tax-xogħol ma jiddaħħalx lura jekk ma jkunx *fully recovered,* u li waqt li jkun barra għal raġunijiet ta' mard, isirlu *follow-up* regolari.[35]

Ix-xhud **John Visanich** kompla jixhed fl-udjenza tat-23 ta' Frar, 2017[36], fejn esebixxa kopja tas-*salary scales* preżenti tal-operaturi[37], kif ukoll ċertifikati mediċi rilaxxjati mit-terapista Edward Cassar Delia u minn Dr Marilyn Casha.[38] Flimkien ma' dawn id-dokumenti elevati mill-*file* personali tal-attur, ix-xhud ippreżenta sett ta' dokumenti għal kull bidla fil-grad li kien impjegat fih l-attur[39], kopja ta' memo intern tal-1 ta' Frar, 2000 fejn l-*operations manager* kien ġie infurmat li l-attur m'għandux jopera *reach stackers*[40], kopja ta' ittra bid-data tal-25 ta' Mejju, 2009 li kienet intbagħtet in segwitu għal-laqgħa bejn l-attur u l-*Human Resources Manager* ta' dak iż-żmien, ċertu Lawrence Portelli, fejn l-attur ġie infurmat li b'effett mill-1 ta' Ġunju 2009, il-grad tiegħu

[34] L-attur ġie mgħarraf b'dan permezz ta' ittra, fejn sar riferiment għaċ-ċertifikati mediċi rilaxxati minn Dr. Edward Cassar Delia, kopja *a fol.* 268 tal-proċess.
[35] Sunt tal-*employment history* tal-attur kemm ilu impjegat fil-Freeport, *a fol.* 270 tal-proċess.
[36] *A fol.* 275 tal-proċess.
[37] *A fol.* 307 tal-proċess.
[38] *A fol.* 283 sa 306 tal-proċess.
[39] *A fol.* 308 u 310 tal-proċess.
[40] *A fol.* 311 tal-proċess.

kien qiegħed jiġi rivedut għal dak ta' *equipment operator* F.[41] Ix-xhud spjega li l-grad F huwa anqas mill-grad F1, u dan minħabba li wara li l-attur ma baqax jopera l-*quay cranes* għal raġunijiet mediċi, kienet saret evalwazzjoni tas-sitwazzjoni tiegħu minħabba li l-*management* induna li l-bidla fix-xogħol tiegħu kienet ser tkun waħda permanenti.

Ix-xhud qal li hu għandu biss *record* ta' tliet korrimenti li kellu l-attur, wieħed f'Mejju tal-2008, fejn kien għamel ġimgħa barra mix-xogħol, ieħor fit-12 ta' April, 2013 fejn l-attur irritorna għax-xogħol wara kważi xahrejn, u ieħor fl-14 ta' Ottubru, 2014, li kien fit-tul u l-attur irritorna lura x-xogħol fil-25 ta' Jannar, 2016. Qal li m'hemm l-ebda *record* ta' xi korriment fl-2011.[42] Ix-xhud qal li ittra oħra bid-data tal-31 ta' Mejju, 2013 tispeċifika li minħabba riorganizzazzjoni, il-grad tal-attur kien ġie *re-graded* għal *equipment operator* D*,* fuq talba tiegħu stess, u dan minkejja li l-kumpannija offrietlu li jirritorna lura għall-grad li kien fih qabel, dak ta' *operator* F. Mistoqsi jekk kienx il-każ li l-attur ġie mwiddeb li jew jaċċetta li jmur lura fil-grad ta' *operator* F, inkella jitkeċċa mix-xogħol, ix-xhud wieġeb li din it-theddida jekk saret, ma saritx fil-preżenza tiegħu.

Il-kontroeżami tal-attur **Vincent Grima** sar fl-udjenza tas-17 ta' Marzu, 2017[43], fejn ġie mistoqsi x'kienet ir-raġuni għalfejn wara għadd ta' snin jagħmel l-istess xogħol, fl-2008 kien intalab jagħmel xogħol fuq l-RTG. L-attur qal li sa dak iż-żmien hu kien jaħdem fuq il-krejnijiet, u hu tniżżel jaħdem fuq l-RTG

---

41 *A fol.* 313 tal-proċess.

42 Dokument esebit *a fol.* 294 tal-proċess, ir-risposta tas-soċjetà konvenuta għal ittra mibgħuta f'isem l-attur minn Dr. Edward Cassar Delia fejn irrefera għal inċident li l-attur kellu tliet ġimgħat qabel (l-ittra fiha d-data tat-3 t'Awwissu, 2012), is-Sur Visanich għamel notament li jgħid, "*No such incident was reported to the company. This absence is registered as sick leave."*

43 *A fol.* 320 tal-proċess.

minħabba li kien weġġa' l-irkiekel t'isfel ta' dahru. Qal li anki dan ix-xogħol, li kien wieħed ripetittiv, u li kien jinvolvi li l-ħaddiem joqgħod mgħawweġ, u li jittieħdu ċertu skossi, affettwalu saħħtu wkoll. L-attur allega li l-iskumdità tax-xogħol hi dovuta wkoll għall-fatt li l-inġenji ma ssirilhomx manutenzjoni b'mod regolari,

> "Int ġieli tiela' ġol-gabina u ssib is-seat ma jkunx komdu, ikollu dahru mkisser. Għandek *rubber mountings* li ma jinbidlux tal-gabina u ċertu skossi flok qed jaħdem *rubber mounting* qed jaħdem ħadid ma' ħadid allura l-iskossi qed teħodhom aktar."

L-attur qal li kien hemm drabi fejn hu għamel rapport li d-dahar tas-*seat* kien miksur, fejn ir-reazzjoni tal-*engineering department* kienet li hu tniżżel minn fuq l-inġenji u ttella' ħaddieħor minfloku. L-attur qal li hu seta' jikkonstata li r-*rubber mountings* kienu ilhom ma jinbidlu minħabba li kien iħoss il-ħadid jaħbat ma' ħadid minflok lasktu jaħbat ma' lasktu. L-attur ikkonferma li fl-2008 hu kien mar għand tabib li kien iċċertifika li hu m'għandux jagħmel xogħol ta' strapazz, għalkemm dak iż-żmien kien għadu ma ġiex infurmat li ser jibqa' jbati minn diżabilità permanenti. Qal ukoll li meta hu ppreżenta d-dokumentazzjoni mogħtija lilu mill-Isptar, il-kumpannija bidlitlu x-xogħol li kien jagħmel fuq l-RTG, u ntbagħat jaħdem fuq *rigger,* u li dan ix-xogħol dam jagħmlu tliet snin. Qal li dan ix-xogħol kien ta' anqas strapazz għalih u li dan ix-xogħol m'affettwalux dahru. Hu qal li dan ix-xogħol kien jinvolvi l-ġbir mill-art taċ-ċapep li jkunu marbutin il-*containers* bihom, u li anki jekk ikun hemm xi affarijiet mal-art, bħal ħadid u *punctures* li jridu jinbidlu, ċineg li jridu jiġu ppreparati biex jitniżżlu d-dgħajjes bihom, u xogħol simili, dawn isiru mill-ħaddiema tar-*rigger*. Qal ukoll li meta kien hemm il-ħtieġa li jintrefgħu affarijiet ta' ċertu kobor, dawn kienu jintrefgħu bil-*lifter.* L-attur qal li

sussegwentement, u minkejja li hu kellu ċertifikat ta' tabib biex ma jitħalliex jagħmel ċertu xogħol, kien hemm żmien meta ntalab jerġa' jaħdem fuq l-RTG, fejn dam perijodu ta' ġimgħa, u wara ħarġet l-applikazzjoni għal *mooring man* li hu applika għaliha u ntgħażel. L-attur qal li x-xogħol ta' *mooring man* kien jinvolvi l-istess tip ta' strapazz bħax-xogħol ta' *rigger,* u fil-bidu li beda jagħmel dan ix-xogħol, kienu jkunu tlieta min-nies fuq quddiem u tlieta min-nies fuq wara tal-vapur biex jiġbdu ċ-ċimi u jorbtu l-vapuri mal-moll. L-attur qal li dakinhar li kien qiegħed jagħmel xogħol ta' *mooring* u weġġa' għonqu, l-uġigħ ma kienx effett tal-korriment li kellu fl-2008, u li dan il-fatt ġie stabbilit minn Dr Marilyn Casha. Qal ukoll li fl-2008 hu kien iħoss uġigħ fil-parti t'isfel ta' dahru, filwaqt li meta weġġa' fuq il-*mooring* kien iħoss spalltu mtarrxa bl-uġigħ. Qal ukoll li hu weġġa' minħabba li dak il-ħin ma kienx hemm biżżejjed nies jiġbdu ċ-ċima, u li hu u jiġbed ħass għonqu jfaqqa' u wara beda ġej l-uġigħ. L-attur qal li l-vapur li kien qiegħed isir il-*mooring* fuqu kien twil mija u ħamsin metru, u li qabel inħarġet direttiva biex vapur ta' dak id-daqs jinħadem bejn tnejn min-nies, kien ikun hemm sitta min-nies jaħdmu fuq vapur ta' dak il-kobor. L-attur qal ukoll li wara dan l-inċident hu għamel seba' ġimgħat barra mix-xogħol, u li wara dawn is-seba' ġimgħat, it-tabib tal-kumpannija kien qallu li seta' jirritorna għax-xogħol, u hu reġa' daħal jagħmel l-istess xogħol. Qal ukoll li dak iż-żmien hu m'għamel l-ebda *claim.* L-attur qal ukoll li għall-ewwel inċident hu qatt ma ġie kkumpensat mis-soċjetà konvenuta, għalkemm ikkonferma li għas-seba' ġimgħat li qatta' barra mill-impjieg hu kien tħallas. L-attur iddeskriva l-inċident tal-14 ta' Ottubru, 2014, li skont hu ġara wara li kien nieżel mill-gabina meta weħlitlu siequ mat-tapit tal-vann u xħin ġie biex iżomm biex ma jaqax mill-bieba għal isfel, żamm b'idu mal-i*steering* u reġa' ċċaqlaq u kkawża ħsara fuq il-parti ta' spalltu li kienet diġà affettwata mill-

inċident li kellu s-sena ta' qabel. L-attur qal li hu kien intalab jibda jaħdem bħala xufier minħabba ċ-ċertifikati mediċi li kien ippreżenta u dan kien fi stadju meta hu ma kien għadu mhux imfejjaq u ma kienx tajjeb għax-xogħol, minkejja li t-tabib tal-kumpannija li rah kien iċċertifikah bħala tajjeb għax-xogħol u kien qallu biex jirrapporta għax-xogħol.

Permezz ta' nota, l-attur ippreżenta prospett tad-danni li hu qiegħed jippretendi li għandhom jiġu likwidati favur tiegħu.[44]

Il-Qorti kkonsidrat ukoll in-nota ta' kritika li s-soċjetà konvenuta ppreżentat għall-prospett ta' danni ppreżentat mill-attur, fejn din spjegat ir-raġunijiet tagħha għaliex l-attur m'għandux jingħata l-ammont ta' danni li qiegħed jippretendi.[45]

Permezz ta' digriet tas-27 ta' Frar, 2018, il-Qorti ħatret lil **Dr Anthony Galea Debono** bħala espert mediku sabiex jeżamina lill-attur u jistabbilixxi jekk dan sofriex xi tip ta' debilità permanenti konsegwenza tal-inċidenti msemmija minnu fir-rikors maħluf tiegħu. Ir-rapport imħejji mill-espert mediku maħtur mill-Qorti ġie ppreżentat fir-Reġistru fl-4 ta' April, 2018, fejn ikkonstata li meta eżamina lill-attur fis-26 ta' Marzu, 2018, huwa kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-*file* tal-Isptar tal-attur, bl-*X-rays*, *MRI scans* u r-*records* tal-Qorti rilevanti kollha. L-espert maħtur mill-Qorti kkonstata li l-attur kellu żewġ inċidenti ewlenin, dak tat-12 t'April, 2013, u dak tal-14 ta' Ottubru, 2014, u li ż-żewġ inċidenti tqiesu bħala '*injuries on duty*' mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. L-espert mediku kkonstata li l-inċident tat-12 t'April, 2013 seħħ waqt li l-attur

[44] *A fol.* 341 tal-proċess.
[45] *A fol.* 350 tal-proċess.

kien qiegħed jiġbed iċ-ċima ta' vapur waħdu, meta l-attur żviluppa uġigħ qawwi f'għonqu u fl-estremitajiet ta' jdejh li wassal biex l-attur ma jirrappurtax għax-xogħol għal perijodu ta' seba' ġimgħat. L-espert mediku kkonstata wkoll li fit-tieni inċident l-attur kien reġa' weġġa' għonqu, u s-sintomi oriġinali tal-ewwel korriment reġgħu tfaċċaw. Lill-attur sarulu għadd ta' testijiet, fosthom *MRI scans*, u l-espert mediku kkonstata li b'mod regolari dan attenda għal sessjonijiet fil-Pain Management Clinic tal-Isptar fejn sarulu għadd ta' *infiltrations.* L-espert mediku kkonstata li minkejja li wara t-tieni inċident, dak tal-2014, l-attur irritorna għax-xogħol, dan ġie *boarded out* fis-26 ta' Settembru, 2017. Mill-eżami li sar fuq l-attur, l-espert mediku seta' jikkonstata li dan kien qiegħed jiffaċċja diversi diffikultajiet, fosthom,

> *"There was limitation of neck movements in all directions, but more limited on lateral flexion on the right side. It was only 20 degrees on turning his head to the right side and 40 degrees on turning to the left from the midline. Flexion and extension of the neck were also markedly limited. These movements accentuated his neck ache, and pain radiated down the whole of the left upper limb. There was also numbness in his hands when his neck was moved in the directions described."*

In vista ta' dan, l-espert mediku Dr Anthony Galea Debono kkonstata li hemm problemi fuq diversi mid-diski tad-dahar tal-attur, li possibilment ġew ikkawżati minn *repeated stress trauma,* għalkemm ix-xhud ikkonkluda li huwa diffiċli li wieħed jipprova dan. L-espert mediku kkonstata li l-ewwel inċident, dak tat-12 ta' April, 2013, kien il-kaġun ta' dawn is-sintomi persistenti, u li x'aktarx li l-attur ser jibqa' jħoss dawn is-sintomi b'mod indefinit. L-espert mediku qal li hemm probabbilità li l-attur jibqa' jeħtieġ aktar *local infiltrations* fil-futur. Il-konklużjoni tal-espert mediku Dr Anthony Galea Debono kienet li l-attur għandu debilità permanenti fil-grad ta' għaxra fil-mija (10%).

**Konsiderazzjonijiet legali**

F'kawżi ta' din ix-xorta, il-Qorti jeħtiġilha tistabbilixxi jekk fl-ewwel lok, is-soċjetà konvenuta għandhiex tinżamm responsabbli għas-sensiela ta' inċidenti li l-attur jallega li kienu l-kaġun tal-istat ta' saħħa li jinsab fih fil-preżent, u li kif żvela fir-rapport tiegħu l-espert mediku maħtur mill-Qorti, saħansitra wasslu biex l-attur ġie *boarded out* mill-impjieg li kellu fil-Freeport, u fit-tieni lok, f'każ li tiġi stabbilita r-responsabbilità tas-soċjetà konvenuta, trid issir il-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur, kemm fir-rigward ta' danni materjali li saru minnu, kif ukoll għal dak li jirrigwarda t-telf ta' qligħ futur minħabba fid-debilità permanenti li ġie stabbilit li qiegħed isofri minnha l-attur.

Il-Qorti kkonsidrat il-provi kollha li tressqu f'din il-kawża, u semgħet kif l-ewwel inċident li kellu l-attur seħħ fis-sena 2008, meta kien żelaq u waqa' minn fuq *fork lifter* waqt il-qadi ta' dmirijietu. Jidher li ftit ġranet wara li l-attur kellu dan l-inċident, hu daħal lura għax-xogħol, u dan minkejja li l-attur kien weġġa' l-parti t'isfel ta' dahru, u x-xogħol li kien jagħmel kien wieħed ta' strapazz u ripetittiv, għalkemm jirriżulta wkoll li fis-snin ta' wara, l-attur għamel diversi talbiet sabiex jibdel ix-xogħol tiegħu u dan bit-tama li x-xogħol il-ġdid ikun inqas strapazzanti minn dak ta' qablu. Dettalji dwar id-dinamika ta' kif seħħ dan l-inċident, ma ngħataw mill-ebda parti fil-kawża, u l-attur naqas milli jelabora dwar dan l-inċident, b'tali mod li hu ferm diffiċli għall-Qorti tasal għal deċiżjoni dwar jekk is-soċjetà konvenuta kinitx responsabbli għal dan l-inċident jew le. Il-Qorti saret taf mingħand ix-xhud Claire Duca li fl-2008 l-attur kellu inċident meta waqa' minn fuq *fork lifter,* iżda dettalji oħra dwar kif seħħ dan l-inċident, ma ngħataw mill-ebda parti. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet li kwalsiasi talba tal-attur fir-rigward ta' dan l-inċident hi

preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. L-attur min-naħa tiegħu jallega li kien dan l-inċident li wassal biex hu għamel snin isofri minn uġigħ fil-parti t'isfel ta' dahru, liema uġigħ wasslu biex jagħmel diversi talbiet lid-diriġenti tas-soċjetà konvenuta sabiex jinbidillu x-xogħol li kien jagħmel, sabiex kemm jista' jkun inaqqas  mit-tbatija u l-istrapazz, u dan kull darba b'telf ta' introjtu għalih.

Il-Qorti fehmet li l-pretensjoni tal-attur f'dan ir-rigward mhix għal likwidazzjoni tad-danni sofferti minnu konsegwenza diretta ta' dan l-inċident, iżda sabiex l-attur jingħata kumpens għas-salarji li hu tilef fuq medda ta' snin li fihom naqas fil-grad u naqas fis-salarju konsegwenza diretta ta' dan l-inċident li ħallih isofri minn uġigħ f'dahru. Jirriżulta li kull darba li l-attur talab li tinbidel in-natura tax-xogħol li hu kien jagħmel ġewwa l-Freeport, is-soċjetà konvenuta laqgħet it-talbiet tiegħu, għalkemm dan kien ifisser ukoll li l-attur beda jonqos fil-paga u li minflok beda javvanza 'l quddiem fix-xogħol tiegħu, beda sejjer lura. L-attur fix-xhieda tiegħu attribwixxa l-uġigħ sostnut fuq għadd ta' snin għall-fatt li x-xogħol kien wieħed ripetittiv, li jirrikjedi li persuna tqatta' sigħat sħaħ fl-istess pożizzjoni, u għall-fatt li s-soċjetà konvenuta kienet tonqos milli tagħmel manutenzjoni fuq l-inġenji tagħha b'mod regolari, tant li pereżempju ddeskriva l-uġigħ li kien iħoss meta kien jieħu xi skoss waqt li jkun qiegħed isuq l-inġenji tal-kumpannija u jaħbat ħadid ma' ħadid, minflok lasktu ma' lasktu, u għalhekk l-effetti tal-inċident li hu kellu fl-2008 meta weġġa' dahru, ġew perdurati fuq medda ta' snin li fihom l-attur kellu xogħol strapazzanti u ta' tbatija fiżika.

Minn dak li xehdu kemm Claire Duca kif ukoll John Visanich, it-tnejn uffiċjali tas-soċjetà konvenuta, minkejja li fis-sena 2012 l-attur għamel xi żmien ma

jmurx ix-xogħol minħabba raġunijiet ta' mard, is-soċjetà konvenuta ma kellha *record* tal-ebda inċident jew korriment matul dik is-sena li l-attur seta' sofra fuq il-post tax-xogħol tiegħu.

Inoltre jirriżulta li l-aktar żewġ inċidenti li ħallew riperkussjonijiet serji fuq saħħet l-attur, tant hu hekk jidher li anki l-espert mediku maħtur mill-Qorti bbaża l-eżami mediku tal-attur fl-isfond ta' dawn iż-żewġ inċidenti partikolari, kienu dawk tat-12 ta' April, 2013, meta allegatament l-attur weġġa' waqt li kien qiegħed jiġbed iċ-ċimi ta' vapur flimkien ma' persuna oħra, u dan meta fuq vapur simili suppost li kien hemm aktar persuni jassistu fl-irmiġġ, u l-inċident l-ieħor li seħħ fl-14 ta' Ottubru, 2014 meta allegatament l-attur weġġa' waqt li kien nieżel minn vann tas-soċjetà konvenuta u reġa' qanqal l-uġigħ u s-sintomi fi spallejh li kien ħass meta kellu l-inċident tal-2013. L-attur attribwixxa dan għall-fatt li minkejja li hu kien għadu mhux f'pożizzjoni li jirritorna lura għax-xogħol wara biss xahrejn mill-inċident li kellu fl-2013, it-tabib tax-xogħol kien iċċertifika li hu seta' jidħol għax-xogħol, u għalhekk hu ħass li kellu jirrapporta għax-xogħol kif kien mistenni minnu.

Il-Qorti kkonsidrat dawn l-episodji li xehed dwarhom l-attur fl-isfond ta' dak li jidher li kienu l-prattiċi tax-xogħol tas-soċjetà konvenuta, u tqis li f'post tax-xogħol li joffri daqstant periklu u sogru għal saħħet il-ħaddiem bħalma huwa t-*terminal* tal-Freeport, jirriżultaw nuqqasijiet serji fir-rigward tal-ħarsien ta' saħħet il-ħaddiema, partikolarment f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn ħaddiema huma mistennija li jibqgħu jaħdmu b'inġenji li mhumiex miżmuma kif suppost, f'dawk l-istanzi meta ħaddiema jintalbu jagħmlu xogħol li la huma mħarrġa għalih u lanqas ma jagħmel ġid lil saħħithom, u f'dawk l-istanzi fejn xogħol li suppost irid isir minn għadd ta' ħaddiema, jispiċċa jsir minn għadd ferm iżgħar

ta' nies. Ta' preokkupazzjoni kbira hu dak li qal l-kaptan Jesmond Mifsud fir-rigward ta' għalfejn il-kaptana tal-vapuri jesiġu li jkun hemm tal-inqas żewġ *mooring men* fuq kull naħa tal-vapur, sabiex kemm jista' jkun jitnaqqas il-periklu għal dawn il-ħaddiema. Il-Qorti semgħet lix-xhud Pierre Tonna jgħid kif dakinhar tal-inċident tat-12 ta' April, 2013, hu kien qiegħed jassisti lill-attur fuq l-irmiġġ ta' vapur partikolari, u li minkejja li suppost l-għadd ta' *mooring men* kellu jkun ta' erbgħa, kienu huma t-tnejn biss qegħdin jaħdmu fuq il-vapur dak il-ħin, b'sogru evidenti għalihom, u dan kontra dak li jistabbilixxu l-linji gwida tal-istess kumpannija u kontra t-talbiet speċifiċi tal-piloti li jwasslu l-vapuri mal-moll. Jirriżulta mill-provi li s-soċjetà konvenuta kienet tittollera prattiċi li jwasslu għal sogru żejjed għal saħħet il-ħaddiema tagħha, anki għal raġunijiet ta' *cost-cutting,* minkejja l-perikli evidenti li l-ħaddiema huma kontinwament esposti għalihom. Jirriżulta wkoll li s-soċjetà konvenuta ħasset il-ħtieġa li taġġorna ruħha fir-rigward tal-għadd ta' *mooring men* meħtieġa f'kull każ, wara li sar *risk assessment* fl-2013, u wara li kellu l-inċident l-attur, u wara li saru verifiki ma' għadd ta' piloti minn portijiet oħrajn, u wara l-pariri kontinwi mogħtija minn piloti li ta' kuljum kienu jdaħħlu l-vapuri fil-portijiet ta' Malta bħall-kaptan Mifsud li xehed f'dawn il-proċedura, u minkejja l-*guidelines* li jirregolaw is-settur. Nuqqas sinifikanti ieħor tas-soċjetà konvenuta jirriżulta mill-fatt li x-xhud Stephen Calleja qal li lilu ma rriżultalux li qatt kien sar xi *risk assessment* dwar it-Taqsima tal-*mooring* qabel l-inċident li kellu l-attur.

Il-Qorti kkonsidrat dan kollu fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol li jipprovdi elenku tad-dmirijiet li min iħaddem għandu josserva:

"6 (1) *Min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*

...

*(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri:-*

*(a) li jiġi evitat riskju;*

*(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*

*(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak kollu li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*

*(f) billi tingħata priorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*

*(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*

*(h) billi wieħed jadatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*

*(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.*

*(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (2), min iħaddem għandu jipprovdi dik l-informazzjoni, dak it-tagħlim, dak it-taħriġ u dik is-superviżjoni li huma meħtieġa biex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol."*

Ħarsa lejn id-dispost tal-Artikolu 6 twassal lill-Qorti għall-konklużjoni li s-soċjetà konvenuta kisret diversi mid-dispożizzjonijiet maħsuba mil-leġiżlatur sabiex iħarsu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, partikolarment f'postijiet tax-xogħol li min-natura tagħhom huma perikolużi aktar minn oħrajn, bħalma hu l-Freeport. Ir-riskji inerenti minn xogħol bħal dak li kien jagħmel l-attur, setgħu

jiġu evitati biss bil-ħarsien tal-*guidelines* li jirregolaw is-settur, li jidher li s-soċjetà konvenuta injorathom għal diversi drabi, bit-teħid tal-pariri ta' nies speċjalizzati fis-settur, bħalma huma l-piloti li jwasslu l-vapuri mal-moll, li kienu jinsistu li fuq xogħol ta' irmiġġ ikun hemm tal-anqas erba' jew sitt *mooring men* jaħdmu fuq vapur, u li minflok kienu jiġu injorati, jew addirittura kienu jintalbu jagħmlu ċertu xogħol persuni li mhux imħarrġa kif suppost, bħal sitwazzjonijiet fejn sewwieqa tat-trakkijiet intalbu jaħdmu fuq l-irmiġġ. Is-soċjetà konvenuta kisret id-dispost ta' dan l-artikolu anki meta naqset li tagħmel eżerċizzju ta' *risk assessment* fuq it-taqsima tal-*mooring* fil-Freeport, liema evalwazzjoni saret biss wara li kellu l-inċident l-attur. Lanqas ma jista' jingħad li s-soċjetà konvenuta osservat id-dispożizzjonijiet tal-liġi billi pprovdiet xogħol adegwat għal ħaddiem partikolari, tant li llum il-ġurnata l-attur ġie *boarded out* mix-xogħol wara li ntqal lilu li m'hemmx xogħol ta' *light duties* fil-Freeport. Barra minn hekk kienu diversi l-episodji, fis-snin kollha li fihom l-attur dam jaħdem il-Freeport, fejn hu ntalab jagħmel xogħol li ma kienx adattat għalih, bħal meta ntalab jaħdem fuq ir-*rubber-tyre gantry crane* (RTG) għal żmien ta' ġimgħa meta kellu diversi ċertifikati li jgħidu li hu m'għandux jitqabbad jagħmel xogħol ta' strapazz. Tant kienet mossa indinjituża fil-konfront tal-attur din li jitqabbad jaħdem fuq l-RTG minkejja l-pariri mediċi li kienu mgħarrfa bihom is-superjuri tiegħu fil-Freeport, li l-attur spiċċa jaħseb li din iċ-ċaqliqa tiegħu setgħet saret b'retribuzzjoni għall-fatt li xi jiem qabel kien xehed fil-Qorti f'kawża li kollega tiegħu kellu kontra l-istess soċjetà konvenuta. Quddiem dan kollu l-Qorti tikkonsidra li hemm diversi istanzi ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, li għalihom għandha tinżamm responsabbli s-soċjetà konvenuta. Tqies ukoll li minkejja li kif xehed l-espert mediku maħtur mill-Qorti, hu diffiċli li wieħed

jistabbilixxi x'kienet il-kawża preċiża tal-uġigħ li l-attur sofra minnu fuq medda ta' snin, il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-ambjent tax-xogħol partikolari li kien qiegħed jaħdem fih l-attur, ikkombinat mad-diversi nuqqasijiet u ksur tal-liġi dwar is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema da parti tas-soċjetà konvenuta, wasslu biex saħħet l-attur iddeġenerat sal-punt li hu spiċċa *boarded out* mix-xogħol, bil-konsegwenzi kollha elenkati minnu fis-sottomissjonijiet finali tiegħu.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Kenneth Borg vs FXB Joiners Ltd**[46], inġabru għadd ta' deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati fir-rigward tad-dmirijiet kemm ta' min iħaddem, kif ukoll tal-ħaddiema. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward tal-obbligi ta' min iħaddem:

> "Dak li hu importanti hu, li kif intqal fil-kawża, fl-ismijiet **John Sultana *vs.* Francis Spiteri et noe,** deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 1979, '*min iħaddem għandu dover li jara li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sikurezza għal min ikun qed jaħdem.'*
>
> Ġie ritenut ukoll li *'a safe system of work u a safe working environment ifissru li min iħaddem hu obbligat li jassigura li 'l-makkinarju u l-istrutturi pprovduti minn min jagħti x-xogħol għandhom jiġu regolarment mantenuti u miżmuma ħielsa minn difetti u mankanzi'* – **Julie Scicluna pro et noe vs Sammy Meilaq noe et.** (Ċit. Nru. 11/92 DS).
>
> Inoltre, ġie ndikat li min iħaddem għandu l-obbligu u d-dmir li jara wkoll li l-ħaddiema tiegħu jkunu mħarrġa għat-tip ta' xogħol li jkunu mqabbda jagħmlu."

Hekk stabbilita r-responsabbilità tas-soċjetà konvenuta għall-inċidenti li kien involut fihom l-attur u li seħħew fl-2013 u fl-2014, kif ukoll għall-kundizzjonijiet tax-xogħol in ġenerali li wasslu biex l-uġigħ li ġarrab l-attur

[46] P.A., 26.06.2014.

konsegwenza ta' inċident li hu kellu fl-2008 ipperdura fuq għadd ta' snin, tant li l-attur illum il-ġurnata jinsab mingħajr impjieg, ikun jifdal għalhekk li l-Qorti tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu lill-attur mis-soċjetà konvenuta.

*Damnum emergens:*

Il-Qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra fl-ewwel lok it-talba tal-attur għal-likwidazzjoni tad-danni materjali sostnuti minnu. F'din il-kawża, ma nġabet ebda prova mill-attur fir-rigward ta' danni marbuta ma' mediċini u interventi mediċi li hu kellu jagħmel tul is-snin, u lanqas ma ġie stabbilit jekk dawn l-interventi sarux fi sptar pubbliku jew inkella fi sptar privat. Il-Qorti tapprezza li jista' jkun li saru spejjeż u nfiq ta' flus għax-xiri ta' mediċini u għal trattamenti li ngħataw lill-attur qabel dan kellu xi ħsieb li għad jiftaħ kawża kontra s-soċjetà konvenuta, iżda f'dan ir-rigward il-Qorti qieset li ma nġabet ebda prova tal-ispejjeż attwali inkorsi mill-attur b'rabta ma' xiri ta' mediċini u visti għand diversi tobba u speċjalisti.

Il-Qorti madanakollu kkonsidrat li tul is-snin kien hemm telf ta' qligħ attwali bħala riżultat dirett tal-kundizzjonijiet li l-attur kien mistenni li jaħdem fihom, u li kienu l-kaġun ta' diversi episodji ta' uġigħ fid-dahar li wasslu lill-attur jitlob sabiex jinbidillu x-xogħol li kien jagħmel mas-soċjetà konvenuta għal diversi drabi. Mix-xhieda ta' John Visanich jirriżulta li l-attur ġie promoss għall-ogħla grad li hu seta' jilħaq fil-21 ta' Frar 2001, meta kien jaħdem bħala *operator F1 (quay crane operator),* kariga li dam fiha sa April tas-sena 2008. Fl-1 ta' Ġunju, 2009, l-attur ġie *demoted* għall-grad ta' *operator F*, u dan minħabba li hu ma setax jibqa' jagħmel l-istess xogħol għal raġunijiet mediċi, filwaqt li fit-28 ta'

Marzu, 2011 hu beda jaħdem bħala *mooring man,* li għall-fini ta' salarju hi kariga li taqa' fl-istess livell ta' *operator* F.[47] Fl-10 ta' Ġunju, 2013, l-attur tpoġġa fil-grad ta' *operator* D, filwaqt li fit-8 ta' Lulju, 2013, l-attur beda jaħdem bħala xufier sakemm sas-sena 2017 hu ġie *boarded out.* L-appendiċi esebit *a fol.* 307 tal-proċess jindika kemm huma l-varjanzi fis-salarji għall-gradi relattivi li ħadem fihom l-attur, għas-snin 2016 sa 2021. Il-Qorti qieset madanakollu li x-xhud John Visanich stess xehed li kull darba li l-attur iċċaqlaq minn grad għal ieħor, hu niżel fis-salarju, u għalhekk qiegħed jiġi kkunsidrat li d-diskrepanzi fis-salarji kif ippreżentati għas-sena 2016, huma rifless tal-istess diskrepanzi li kienu jeżistu fis-snin ta' qabel.

Jirriżulta li fis-sena 2016, *operator F1* kellu salarju ta' €21,124.25, filwaqt li *operator F* kellu salarju ta' €20,180.42, differenza ta' €943.83. Mis-sena 2009 sas-sena 2013, l-attur tniżżel minn grad ta' *operator F1* għall-grad ta' *operator F* jew ta' *mooring man,* kariga li għall-fini ta' salarju, hi fl-istess livell ta' *operator F*. Fis-sena 2013 l-attur tniżżel fil-grad ta' *operator D,* u ħaddiem f'dan il-grad kellu salarju gross ta' €18,607.42 fl-2016. Dan ifisser differenza ta' €2,516.83 mill-ogħla grad li kien fih l-attur (*operator F1*), qabel kellu jitlob li jinbidillu xogħlu. Fis-sena 2013 ukoll, l-attur tqiegħed fil-grad ta' xufier (grad C), u persuna f'dan il-grad kellha salarju gross ta' €18,333.87 fis-sena. Dan ifisser differenza ta' €2,790.38 mill-ogħla grad li kien fih l-attur għal dak li kellu jibda jaħdem fih sabiex inaqqas l-istrapazz u jevita li jagħmel aktar ħsara għal saħħtu. Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, il-Qorti tqis li mis-sena 2009 'il quddiem l-attur tilef €943.83 x 4 (mill-01.06.2009 sal-10.06.2013) u €2790.38 x 4 (mit-08.07.2013 sakemm ġie *boarded out* fl-2017), total ta' **€14,936.84.** Il-

[47] Dan joħroġ mid-dokument esebit minn John Visanich *a fol.* 307 tal-proċess.

Qorti hawnhekk qieset li dan kien telf attwali li sofra l-attur, mingħajr konsiderazzjoni ta’ telf ta’ *overtime* u telf ta’ żidiet li seta’ pperċepixxa l-attur li kieku ħa promozzjonijiet u baqa’ miexi ‘l quddiem fix-xogħol tiegħu. Din iċ-ċifra ġiet stabbilita fid-dawl tal-fatt li minn imkien ma rriżulta li l-attur qatt kien soġġett għal passi dixxiplinarji jew għal xi forma ta’ inkwiet li minħabba fih kien qiegħed jissogra li jiġi *demoted,* u għalhekk li kieku ma kellux il-korrimenti li wasslu biex ikollu jitlob għal bidliet fin-natura tax-xogħol li kien jagħmel, dawn il-flus l-attur ma kienx jitlifhom.

*Lucrum cessans:*

F’sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta’ Frar, 2013, fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**, il-Qorti qalet:

> “Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta’ qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta’ paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta’ qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant.”

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F’deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta’ April, 2005, fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks,** ġie stabbilit illi:

> “Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta’ qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi

imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Fil-prospett esebit minnu, l-attur jagħmel riferiment għad-dħul gross li hu pperċepixxa fis-sena 2008, madanakollu l-Qorti tosserva li prova ta' dan id-dħul ma ġietx esebita fl-ebda stadju tal-proċeduri, u li l-kopji tal-*FS3 forms* esebiti huma dawk għas-snin 2009, 2010, 2011, 2012, 2013, 2014, 2015 u 2016. Għall-fini tal-komputazzjoni li trid issir fir-rigward tal-likwidazzjoni tat-telf tal-qligħ futur li sejjer isofri l-attur, anki in vista tal-fatt li llum il-ġurnata hu ġie *boarded out,* il-Qorti sejra tikkonsidra l-FS3 esebita mill-attur għas-sena 2013 (is-sena li fiha seħħ l-ewwel inċident mill-aħħar tnejn li kellu l-attur), li kien ta' €23,309.58 gross u €19,666.50 netti. Din il-paga trid tiġi aġġustata u togħla abbażi tal-għoli tal-ħajja[48] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*, sabiex b'hekk is-salarju bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €19666.50 + €22,120.88 / 2 = €20,893.69. Hu dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' disgħa u erbgħin (49) sena, li hi l-età li kellu l-attur fis-sena 2013, il-*multiplier* adottat ikun ta' 13, tenut kont li persuna fl-età tal-attur hu mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin sena sabiex jilħaq età pensjonabbli. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[49], il-Qorti qalet:

[48] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*."
[49] P.A., 10.05.2005.

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Fil-każ odjern, ġie stabbilit mill-espert mediku maħtur mill-Qorti li l-attur sofra debilità permanenti ta' għaxra fil-mija (10%). Għalkemm dan il-grad ta' debilità jvarja minn dak stabbilit mit-tabiba kuranti tal-attur, il-Qorti tqis li in vista tal-fatt li Dr Marilyn Casha stess xehdet li dan il-grad ta' debilità jista' jinbidel f'data futura jekk l-attur jagħmel kambjamenti f'saħħtu, u in vista tal-fatt li l-eżami ta' Dr Galea Debono kien l-aktar wieħed riċenti li sar, il-grad ta' debilità permanenti stabbilit minn Dr Galea Debono huwa l-aktar wieħed verosimili fiċ-ċirkostanzi, u għalhekk il-Qorti ser tadotta lilu.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. F'kawżi li jdumu biex jinqatgħu, mill-imsemmija 20% il-Qorti normalment tnaqqas 2% għal kull sena li kawża ddum

biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi pprezentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fis-sena 2015, u ser tinqata' fi ftit anqas minn tliet snin wara li kien hemm l-ewwel udjenza. Ma jistax jintqal li kien hemm xi delungar da parti ta' xi ħadd jew ieħor mill-partijiet.

Is-salarju medju ta' €20,893.69 x *multiplier* ta' 13, x 10% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €27,161.80 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi **€21,729.44**. Dan huwa l-*lucrum cessans* li se jiġi likwidat mill-Qorti.

Il-Qorti qieset it-talbiet tal-attur għal likwidazzjoni ta' kumpens *arbitrio boni viri* in vista tal-fatt li l-attur jargumenta li fil-futur ser ikollu bżonn aktar terapija sabiex saħħtu ma tkomplix tiddeġenera, kif ukoll sabiex is-soċjetà konvenuta tgħinu jġorr il-piż li jista' jkun li jkollu jerfa' f'każ li jkollu bżonn jixtri karozza *wheelchair friendly* jew jimpjega *carer* sabiex tassistih. Il-Qorti qieset madanakollu li tali danni huma ipotetiċi, u li mkien ma nġabet prova li dawn huma spejjeż li l-attur neċessarjament ser ikollu jagħmel, u lanqas ma nġabet prova dwar il-*quantum*. Barra minn hekk fil-pajjiż illum jeżistu strutturi sabiex persuna li sfortunatament issib ruħha f'sitwazzjoni bħal dik li qiegħed ibassar l-attur, issib l-appoġġ finanzjarju meħtieġ sabiex tkun tista' tibqa' tgħix b'dinjità u ma ġġorrx il-piż ta' dawn l-ispejjeż waħedha.

L-attur talab ukoll li jiġu likwidati danni morali in vista tal-effett psikoloġiku li dawn il-korrimenti ħallew fuqu, partikolarment wara li hu kellu jieqaf jaħdem. Madanakollu l-Qorti qieset li tul dawn il-proċeduri ma ttella' jixhed l-ebda

psikjatra jew psikoterapista li eżamina lill-attur sabiex jivverifika jekk kienx hemm din ix-xorta ta’ danni jew le, u għaldaqstant fin-nuqqas ta’ tali prova, il-Qorti qiegħda tiċħad il-pretensjoni tal-attur f’dan ir-rigward.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta;**

2. **Tilqa’ t-talbiet tal-attur, u tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hi responsabbli għall-korrimenti li seħħew fit-12 ta’ April, 2013 u fl-14 ta’ Ottubru, 2014, u għad-deġenerazzjoni f’saħħet l-attur mis-sena 2008 ’il quddiem b’riżultat tal-kundizzjonijiet li hu tħalla jaħdem fihom mis-soċjetà konvenuta;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta’ sitta u tletin elf, sitt mija u sitta u sittin Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€36,666.28);**

4. **Konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta’ danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.